

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti

(2008/C 211/17)

Fittra bid-data tas-17 ta' Diċembru 2007, is-Sinjura Margot Wallström, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, biex iħejji opinjoni esploratorja dwar:

Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' April 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Retureau. Il-ko-rapporteur kien is-Sur Cabra de Luna.

Matul l-444 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-22 u t-23 ta' April 2008 (seduta tat-22 ta' April), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'147 vot favur, vot wieħed kontra u 5 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat biex ifassal opinjoni dwar il-prevenzjoni tat-terroriżmu u, b'mod iktar speċifiku, dwar il-politiki ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti, li fuqhom hija trid tadotta komunikazzjoni f'Lulju 2008. L-għan ewlieni tal-komunikazzjoni huwa li tidentifika politiki, azzjonijiet u inizjattivi li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala Prattika tajba fil-għieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti. Bħalissa l-pjan huwa li l-komunikazzjoni tindirizza suġġetti bħar-radikalizzazzjoni vjolenti fil-ħabsijiet u f'postijiet oħra fejn in-nies huma vulnerabbli jew postijiet li jistgħu jintużaw għar-reklutaġġ tat-terroristi, u li teżamina d-diskors u l-ideoloġija espressi mill-estremisti vjolenti, kif ukoll l-impenn u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili.

1.2 Id-dinja ta' wara l-Gwerra l-Bierda u tal-globalizzazzjoni ekonomika għaddiet minn bidla kbira fl-ambitu tar-relazzjonijiet internazzjonali, bidla li kellha impatt fuq l-istituzzjonijiet universali bħan-Nazzjonijiet Uniti, li għaddew minn (u għarfu) żieda kbira fin-numru ta' entitajiet statali ġodda li ħadu s-sovranità tagħhom u ddikjaraw ruħhom soġġetti għal-liġi internazzjonali pubblika.

1.3 Barra minn hekk, qamu xi kunflitti f'għadd minn dawn il-pajjiżi l-ġodda, u xi gruppi armati għadhom jokkupaw parti minn dawn l-artijiet; id-drittijiet tal-bniedem spiss ma jiġux irrispettati.

1.4 L-artijiet jew partijiet mill-artijiet li l-kontroll tagħhom huwa dgħajef jew ineżistenti huma ġenna ta' l-art għall-mexxejja tal-gruppi terroristiċi ewlenin, li għandhom it-tendenza li jiftħu l-bażijiet tagħhom f'postijiet fejn l-istat tad-dritt u l-libertajiet pubbliċi m'għadhomx jeżistu.

1.5 Ir-rikors għall-gwerra klassika ma kienx effikaċi ħafna kontra theddida mifruxa, b'ħafna forom differenti u bi strutturi varji, u li timmanipula n-nies f'isem il-fundamentaliżmu jew l-ideoloġija politika anti-demokratika ta' organizzazzjonijiet jew gruppi informali li huma lesti li jużaw il-vjolenza politika.

1.6 Il-fatt li ma nstabitx soluzzjoni paċifika għas-sitwazzjoni fil-Palestina u sitwazzjonijiet oħra ta' kunflitt armat fid-dinja huwa wkoll fattur politiku li jiffavorixxi l-ideat estremisti u l-atti terroristiċi internazzjonali, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu

li l-biċċa l-kbira ta' l-atti terroristiċi jsiru fil-kuntest ta' kunflitti interni.

1.7 Mingħajr l-ebda dubju, ma saritx analiżi dettaljata biżżejjed tal-motivazzjonijiet u l-metodi ta' reklutaġġ li, bħalma ġara fil-każ tal-11 ta' Settembru 2001, jistgħu jittrasformaw lill-membri ta' l-istaff eżekuttiv, inġiniera u intellettuali f'nies li jippjanaw u jwettqu attentati suwiċida kkoordinati li jitolbu determinazzjoni u intelliġenza kbira kif ukoll ċerta kapaċità ta' infiltrazzjoni fis-soċjetajiet demokratiċi; it-tfassil ta' kontro-strateġija adattata u ta' l-istess livell jeħtieġ fehim mill-aħjar ta' l-ideoloġija u l-psikoloġija involuti, flimkien ma' l-analiżi ġeopolitika li hija essenzjali, u l-użu tal-mezzi kollha ta' għbir u skambju ta' informazzjoni.

1.8 Filwaqt li l-mezzi ta' komunikazzjoni u l-globalizzazzjoni ħolqu dinja globalizzata fejn ċerti sitwazzjonijiet ma jstgħux jiddependu mil-livell nazzjonali biss, barra l-kriżi ta' l-istati nazzjonali, il-liġi internazzjonali wkoll tinsab fi kriżi, billi din m'għandhiex mezzi ta' kontroll dissważivi u lanqas mezzi legali adegwati għall-intervent. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biss għandu l-poteri suffiċjenti, iżda anke dawn huma relattivi minħabba d-dritt ta' veto li għandhom ħames pajjiżi.

1.9 Madankollu, sistema multilaterali effikaċi u aġġornata tkun tista' tindirizza aħjar il-problemi globali, klimatiċi, ekonomiċi u soċjali; il-għieda kontra t-terroriżmu internazzjonali tista' tkun iktar effikaċi f'qafas multilaterali li jiżgura l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-aġenziji internazzjonali (Interpol), bil-parteċipazzjoni ta' l-NGOs li jkomplu jimmonitorjaw id-demokrazija u l-ħarsien tad-drittijiet proċedurali u tal-libertajiet pubbliċi.

2. Responsabbiltajiet għall-Ewropa u azzjonijiet li qegħdin jiwettqu jew jitħejjew bħalissa

2.1 Għieda effikaċi kontra t-terroriżmu fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea titlob li l-Istati Membri jadottaw definizzjoni komuni ta' l-att kriminali tat-terroriżmu u li jarmonizzaw il-liġi kriminali tagħhom fl-akkuża u s-sanzjonijiet ukoll. Dan il-proċess, flimkien ma' l-adozzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, malajr tnedja u maż-żmien, speċjalment mis-snin 90 lil hawn, il-Kunsill adotta deċiżjonijiet qafas rilevanti.

2.2 Minn mindu twettqu l-attentati qattielha tal-11 ta' Settembru 2001 fl-Istati Uniti, twaqqfet koordinazzjoni kruċjali kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u Komunitarju: il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti flimkien ma' l-Interpol, in-NATO għall-operazzjonijiet militari, il-Kunsill ta' l-Ewropa per eżempju bil-Konvenzjoni Ewropea kontra t-Terroriżmu, l-OSCE u fl-aħħar l-Unjoni Ewropea u l-Europol. Ġew żviluppati kooperazzjonijiet ma' l-Istati Uniti, mal-pajjiżi tal-Magreb u ma' l-Unjoni Afrikana, kif ukoll operazzjonijiet speċifiċi ta' assistenza lil ċerti pajjiżi fl-ambitu militari, tal-pulizija u finanzjarju.

2.3 Intlaħaq kunsens fl-istituzzjonijiet Komunitarji kif ukoll fl-Istati Membri, fost il-mexxejja politiċi u l-maġġoranza taċ-ċittadini, fir-rigward tad-definizzjoni tat-terroriżmu u t-tipi ta' azzjonijiet legali jew illegali li m'humiex marbutin ma' din id-definizzjoni; fil-fatt huwa neċessarju li wieħed jiffoka esklużivament fuq it-theddida u l-iżviluppi tagħha, sabiex jiġi evitat li l-azzjoni tinfirex iżżejjed jew li jkun hemm restrizzjonijiet inutli tad-drittijiet u l-libertajiet individwali u kollettivi.

2.4 Madankollu, f'ċerti pajjiżi ta' l-Afrika u tal-Lvant Nofsani b'mod partikolari, pajjiżi bi gvernijiet awtoritarji, wieħed jista' josserva tendenza kontra kull forma ta' oppożizzjoni politika li qiegħda tissejjaħ għieda kontra t-terroriżmu, u dan huwa sors ta' inkwiet għall-Unjoni u l-membri tagħha, billi wħud minnhom għandhom relazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ta' kooperazzjoni militari mal-mexxejja ta' dawn il-pajjiżi, u għalhekk għandhom jużaw l-influenza tagħhom biex inaqqsu l-abbuż.

2.5 L-iktar ħaġa kkumplikata fil-livell internazzjonali hija l-problema tar-risposta adattata għat-theddid li jippersisti bla waqfien fid-dinja kollha minn diversi gruppi terroristiċi, theddid li ġeneralment huwa dirett lejn l-ambaxxati jew "miri" oħra, b'mod partikolari l-popolazzjoni ċivili. Għal raġunijiet ġeografiċi, l-Ewropa hija l-iktar art mhedda mill-attakki terroristiċi.

2.6 L-atti terroristiċi għandhom l-għan li joħlqu klima ta' biża' u nuqqas ta' sigurtà u li jeqirdu l-istituzzjonijiet demokratiċi. Għalhekk, wieħed għandu joqgħod attent li ma jaqax fin-nassa tar-restrizzjonijiet mhux iġġustifikati tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet ċivili fisem is-sigurtà; il-pajjiżi l-iktar mhedda ilhom is-snin f'sitwazzjoni eċċezzjonali ta' intensità ftit jew wisq qawwija, u ċerti miżuri jistgħu jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ jew li jista' jiġi kkontrollat, per eżempju fil-qasam tad-data personali tal-passaġġieri transatlantiċi, fejn tintalab informazzjoni dettaljata żżejjed li tinżamm għal żmien twil wisq.

2.7 Il-monitoraġġ tan-netwerks, is-sorveljanza ffilmlata ġeneralizzata fil-postijiet pubbliċi kollha u f'dawk privati b'aċċess pubbliku, il-politika ta' kontroll fil-fruntieri, il-ġestjoni tal-manifestazzjonijiet, it-tfittxija bir-reqqa fuq il-persuni fl-ajruporti — dawn kollha, jekk isiru b'mod esaġerat, jistgħu jkunu ta' ħsara għall-privatezza tal-persuna, il-moviment ħieles u b'mod iktar ġenerali l-libertajiet ċivili. Dan jista' jaffettwa l-appoġġ taċ-ċittadini għall-politiki kontra t-terroriżmu, għax azzjonijiet bħal dawn jistgħu jidhru li huma diretti lejhom.

2.8 L-indhul fil-ħajja privata taċ-ċittadini u l-kontrolli żejda jwasslu wkoll għar-riskju (li diġà sar realtà mifruxa) li jiġu intensifikati l-kontrolli ta' ċerti "minoranzi viżibbli", li jħossuhom dejjem iktar stigmatizzati u dejjem iktar vittmi ta' diskriminazzjoni etnika jew razzista; il-limitu tat-tolleranza diġà nqabeż u dan wassal għal "radikalizzazzjoni vjolenti" tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' għied bejn il-pulizija u l-membri tal-forzi armati fuq naħa u ż-żgħażaġh fuq in-naħa l-oħra f'ċerti żoni urbani u għetos, fejn dan il-kunflitt wassal għall-qerda ta' bini u oġġetti pubbliċi u privati.

2.9 Iżda dawn il-vjolenzi urbani, jekk jiġu assoċjati mal-kunċett tar-"radikalizzazzjoni tal-vjolenza", li jista' jiġi kkunsidrat bħala l-pass li jwitti t-triq għat-terroriżmu jew saħansitra bħala forma ta' terroriżmu fih innifsu, jistgħu jwasslu għal definizzjoni wiesgħa wisq tad-delitt, ta' l-att terroristiku u tat-tentattiv jew tal-kompliċità, definizzjoni li tiġi estiża għal diversi forom ta' vjolenza li minkejja l-gravità tagħhom m'humiex neċessarjament marbutin ma' l-intenzjoni li wieħed iwettaq delitt terroristiku, anke jekk din il-vjolenza kultant twassal għal qerda materjali kbira kif ukoll għal korriment li jista' jkun gravi.

2.10 Il-motivazzjoni ta' l-att jew tentattiv hija kruċjali sabiex wieħed jiddetermina l-persuni humiex terroristi jew le.

2.11 Ċerti gruppi terroristiċi mmanifestaw ruħhom reċentement u għadhom preżenti fil-kontinent tagħna; il-vjolenza politika m'għandhiex motivazzjoni iġġustifikata fil-pajjiżi demokratiċi fejn huwa possibbli li jitwaqqfu partiti politiċi u li wieħed jipparteċipa f'lezzjonijiet regolari u ġusti għal kulħadd fil-livelli kollha tal-gvernanza lokali, nazzjonali u, fil-każ tagħna, fil-livell tal-membri parlamentari Ewropej.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Anke jekk hemm kunsens dwar id-definizzjoni tat-terroriżmu, ċerti kunċetti ġodda jistgħu joħlqu problema, bħal per eżempju l-kunċett tar-"radikalizzazzjoni vjolenti" li huwa definit mill-Kummissjoni bħala fenomenu li minħabba fih ċerti persuni jiżviluppaw fehmiet, opinjonijiet jew ideat li jistgħu jwasslu għal atti terroristiċi bħal dawk definiti fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni qafas ta' l-2002.

3.2 Dan ġie enfasizzat fir-rapport Burgess tal-PE fir-rigward tal-kunċett il-ġdid tar-"radikalizzazzjoni vjolenti" frabta ma' l-appoġġ u r-reklutaġġ tat-terroristi; hawn ukoll, l-ikbar sfida tad-definizzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti u tal-prevenzjoni hija dik ta' l-intenzjoni. Bl-istess mod, ir-radikalizzazzjoni ħafna drabi hija proċess li jista' jinfirex fuq għadd ta' snin, u dan ifisser li jkun hemm il-ħin għad-djalogu u l-proċeduri ta' edukazzjoni u informazzjoni u miżuri ta' prevenzjoni oħra.

3.3 It-terroriżmu ilu jeżisti fid-dinja tal-politika. Illum juża l-mezzi ta' komunikazzjoni globali, it-tax havens, il-possibiltajiet li joffru l-pajjiżi bi gvernanza batuta jew dawk li l-makkjarju stali tagħhom sfronda meta nħolqu l-bażijiet u l-kampijiet ta' taħriġ. Madankollu dan huwa fenomenu mċajpar, iktar minn netwerk internazzjonali uniku u strutturat.

3.4 L-iktar dimensjoni ġdida ta' l-impatt tiegħu tinsab min-għajr dubju fil-mezzi tax-xandir diretti u internazzjonali, li jid-deskrivu t-terroriżmu b'mod dettaljat u viżibbli, bl-immaġni, u kultant kważi direttament waqt l-attakki. L-impatt ta' dawn il-mezzi huwa mingħajr preċedent fl-istorja tad-dinja. Iżda l-libertà ta' l-istampa timpedixxi li wieħed irażżan is-sensazzjonaliżmu li fil-fatt isaħħaħ b'mod konsiderevoli l-biża' u n-nuqqas ta' sigurtà li jħossu ċittadini u li saħansitra jservi ta' pubbliċità għall-attakki terroristiċi.

3.5 L-Internet huwa spazju ta' komunikazzjoni li jintuża biex jinxterdu ideoloġiji li jappoġġjaw il-vjolenza u biex jingħibdu riżorsi u anke kandidati għall-attentati suwiċida, biex min iwet-taq l-attakki u l-kapijiet tagħhom jikkomunikaw bejniethom u biex jinfirxu tekniki bħall-produzzjoni ta' bombi artiġjanali.

3.6 Iżda minbarra t-ftitxija tas-siti ta' l-Internet li jigglorifikaw it-terroriżmu, ser ikun diffiċli li wieħed jikkontrolla l-komunikazzjoni bejn ċerti gruppi fid-dawl tat-teknoloġiji eżistenti għall-kitba ta' messaġġi bil-kowd u għall-ħabi ta' informazzjoni permezz ta' kowd, kemm dik miktuba kif ukoll dik mogħtija bil-fomm.

3.7 Barra minn dan, il-Kumitat għandu xi dubji dwar l-effikaċja tal-miżuri msaħħa li qegħdin jiġu eżaminati għal adozzjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-Internet u tal-komunikazzjonijiet taċ-ċittadini.

3.8 Jeżistu raġunijiet validi għaliex wieħed jista' jiddubita mill-fatt li l-kontrolli ta' l-identità, tal-bagalji jew tal-karozzi fil-fruntieri, fl-ajruporti, fil-portijiet u, inqas ta' spiss, fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, jimpedixxu l-moviment tat-terroristi, anke jekk il-kontroll tad-dokumenti ta' l-identità huwa mezz tajjeb kif wieħed jista' jiġġielek kontra l-falsifikazzjoni tad-dokumenti ta' l-identità; għalkemm dawn il-miżuri sa ċertu punt jikkumplikaw il-movimenti tal-kriminali b'mod ġenerali, huma jikkumplikaw ukoll il-ħajja taċ-ċittadini kollha u għandhom it-tendenza li progressivament iwasslu għall-ħolqien ta' mappa dettaljata taċ-ċaqliq tan-nies, fuq kollox meta wieħed iqis it-tixrid tas-sistemi ta' sorveljanza ffilmjata, ta' l-aġenti privati tas-sigurtà, ta' l-użu wiesa' ta' badges ta' aċċess elettroniċi fi stabbilimenti pubbliċi u privati u tat-trasmissjoni tat-telefon ċellulari jew mezzi oħra ta' lokalizzazzjoni diretta tal-persuni. Iżda dawn il-miżuri kollha ma jimpedixxux l-attentati suwiċida. Joħolqu atmosfera ta' pajjiż ikkontrollat mill-pulizija jekk ma jitteħdux miżuri demokratiċi li juru li dawn it-teknoloġiji qegħdin jintużaw biss għat-twettiq ta' l-objettiv tagħhom. Korpi nazzjonali ta' monitoraġġ tas-sistemi ta' kontroll u l-ħolqien ta' grupp ta' studju Ewropew dwar dan is-suġġett u dwar l-informazzjoni fuq persuni ssuspettati minn attività terroristika jistgħu jkunu soluzzjoni.

3.9 Normalment, il-monitoraġġ tal-flussi finanzjarji illegali m'huwiex ta' ħsara għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jippermetti li ssir sorveljanza tal-prattiki illegali (traffikar ta' bnedmin, armi u drogi, eċċ.) li jwasslu għall-akkumulazzjoni ta' dawn il-kapitali illegali, sorveljanza li minn banda tikkontribwixxi sabiex il-flus idumu iktar biex jaslu f'idejn it-terroristi u mill-banda l-oħra biex ikun hemm stampa iktar ċara tal-postijiet fejn tinbet

din il-vjolenza⁽¹⁾. Iżda huwa diffiċli ħafna li wieħed jimpedixxi t-trasferimenti likwidi jew daww imwettqa permezz ta' sistema ta' korrispondenti fejn il-flus imħallsa f'pajjiż jingħabru minn intermedjarju f'pajjiż ieħor, operazzjonijiet immexxija jew ikkontrollati minn ittri jew messaġġi moħbija f'kowd; is-sorveljanza u l-investigazzjonijiet jistgħu jkunu effikaċi fejn jidħol il-ġbir ta' fondi għal organizzazzjonijiet tal-karità jew umanitarji b'rabtiet moħbija ma' gruppi terroristiċi; iżda fl-istess ħin wieħed għandu jevita li jissorvelja l-organizzazzjonijiet non-governattivi kollha u jikkumplikaw l-attivitàjiet umanitarji jew ta' solidarjetà tagħhom, jew il-ġbir tal-fondi, u b'hekk joħloq atmosfera ta' suspettar ġeneralizzat li jdejjaq liċ-ċittadini u jikkumplikaw l-azzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom, kultant bir-riżultat li saħansitra jimpedixxi l-amministrazzjoni normali tal-programmi tagħhom.

3.10 L-iskambju tad-data bejn il-korpi tal-pulizija u l-aġenziji ta' informazzjoni jnvolvi informazzjoni delikata ħafna bħarritratt, l-isem, l-indirizz, il-marki tas-swaba' u d-DNA u s-sħubija f'diversi organizzazzjonijiet, u għad hemm inċertezza fir-rigward tal-garanzija reali tal-protezzjoni tal-privatezza kontra l-iżbalji li jsiru waqt ir-reġistrazzjoni jew l-evalwazzjoni fil-fajls VIS, SIS, ir-reġistru kriminali jew fajls oħra tal-pulizija, kif ukoll fir-rigward tal-possibbiltà li persuni li jinsabu fir-reġistru tal-pulizija jkunu jistgħu jieħdu azzjoni biex l-iżbalji jiġu kkoreġuti.

3.11 Fl-aħħar mill-aħħar, il-kontribut essenzjali tad-dimensjoni Ewropea huwa dak ta' l-armonizzazzjoni, tal-kooperazzjoni u tat-tixrid ta' l-esperjenzi. Dan għandu jittejjeb iżda b'mod li ma jħeġġiġx żieda esaġerata ta' liġijiet u miżuri speċjali meta l-liġijiet u l-korpi eżistenti kontra l-kriminalità organizzata jew finanzjarja jistgħu jiġu estiżi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3.12 Diġà teżisti ġabra ta' informazzjoni konsiderevoli dwar l-eċċezzjonijiet, anke daww żgħar jew moderati, li b'mod ġenerali jiffavorixxu restrizzjoni tal-libertajiet ċivili, ħsara għall-garanziji ta' l-istat tad-dritt u suspetti fir-rigward tal-barranin, il-migranti legali u illegali u daww li ressqu talba ta' ażil. Dan kollu jiġri fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri. Qiegħda tinxtered mewġa ta' razzizzmu u ksenofobija u din għandha tiġi opposta bil-kliem u bl-eżempju.

3.13 Ir-rwoli rispettivi ta' l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, il-Europol, il-Eurojust, eċċ. huma definiti b'mod ċar, iżda l-aspett Prattiku tal-kooperazzjoni fi ħdan l-aġenziji ta' informazzjoni u l-investigazzjonijiet għandu jittejjeb b'mod kontinwu.

3.14 Il-prevenzjoni tal-vjolenza radikali u tat-terroriżmu teħtieġ għarfien tal-kuntest u l-ideoloġiji li jwasslu għalihom, u dan għandu jgħin sabiex jinqerdu l-prekondizzjonijiet mhux iġġustifikati.

(1) Opinjoni tal-KESE tal-11.5.2005 dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għal skopijiet ta' money laundering, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu" (mhux disponibbli bil-Malti). Rapporteur: is-Sur Simpson, ĠU C 267, 27.10.2005, punti 3.1.8 u 3.2.1.

3.15 L-organizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-vjolenza u t-terroriżmu tista' biss issir fuq perijodu twil għax hemm bżonn li d-demokrazija u r-rispett tal-libertajiet ċivili jissaħħu jew jinbtu fil-pajjiżi li huma dgħajfa jew li ma jikkontrollawx l-art kollha tagħhom u fil-pajjiżi bi gvern awtoritarju jew dittatorjali.

3.16 Il-Kumitat jemmen li l-azzjoni, li normalment issir fid-diskrezzjoni, ta' l-aġenziji ta' informazzjoni u ta' l-investigazzjonijiet tal-pulizija m'għandhiex għalfejn tkun akkumpanjata minn politika li sistematikament tkun sigrieta fir-rigward ta'-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom, kemm nazzjonali kif ukoll Ewropej; informazzjoni li tiffavorixxi l-parteċipazzjoni ta' -ċittadini u kontroll demokratiku għandhom ikunu jistgħu jiġu pprovduti b'mod adegwat minkejja l-kuntest, b'mod partikolari sabiex jiġi evitat kull abbuż fir-rigward ta' l-istat tad-dritt.

4. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni vjolenti

4.1 Il-missjoni ewlenija tas-soċjetà ċivili

4.1.1 Is-soċjetà ċivili hija l-ewwel vittima tat-terroriżmu internazzjonali (ikunx ipprovokat min-nazzjonaliżmu estrem, mill-istrumentalizzazzjoni tal-fundamentaliżmu reliġjuż jew ikollux il-vjolenza bħala l-uniku skop tiegħu). Is-soċjetà ċivili qiegħda tħabbat wiċċha ma' terroriżmu li għandu l-għan li jikkastiga lil kulħadd b'mod kollettiv u globali, li qiegħed jipprova joħloq atmosfera ta' biża' ġġeneralizzata sabiex il-gvern jagħtih dak li jrid. Iżda s-soċjetà ċivili hija wkoll wieħed mill-elementi ewlenin ta' kull strateġija kontra din it-theddida, kif enfasizza l-KESE fl-opinjoni tiegħu dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu" ⁽²⁾, kemm fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-ġlieda kontra l-iktar effetti viżibbli tat-terroriżmu, kif ukoll fir-rigward tal-kawżi profondi tiegħu, mingħajr ma ninsew ir-rwol tagħha fl-ambitu ta' l-ghajjnuna lill-vittimi.

4.1.2 Jekk wieħed iqis ir-rwol ta' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-UE — b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà, il-ġustizzja u l-finanzjament — fil-ġlieda kontra l-iktar sintomi u effetti viżibbli ta' din it-theddida (il-prevenzjoni ta' atti terroristiċi, it-ftitxija u ż-żarmar tal-gruppi terroristiċi, l-arrest, il-proċess u s-sentenza tat-terroristi, il-qerda tal-mezzi ta' finanzjament tagħhom, eċċ.), is-soċjetà ċivili tista' taqdi rwol essenzjali f'dan il-kuntest billi:

4.1.2.1 tara li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma toħroġ qatt mil-limiti ta' l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, il-valuri, il-prinċipju u l-libertajiet ta' soċjetà miftuħa u demokratika;

4.1.2.2 tikkollabora ma' l-awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali fil-livelli kollha sabiex jiġu identifikati l-attivitajiet u l-atturi involuti fin-netwerks terroristiċi (ir-rwol tal-korpi finanzjarji u ta' dawk li jamministraw is-servizzi ta' telekomunikazzjoni huwa partikolarment importanti f'dan ir-rigward). Din il-kollaborazzjoni għandha tkun ibbażata fuq impenn reċiproku ta' l-atturi involuti kollha sabiex ikun hemm skambju ta' informazzjoni, ta' riżorsi u ta' sforzi mmirati lejn l-oġettiv komuni tal-qerda tat-terroriżmu;

⁽²⁾ Opinjoni esploratorja tal-KESE tat-13.9.2006 dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu", rapporteurs: is-Sinjuri Rodríguez García-Caro, Pariza Castaños u Cabra de Luna (ĠU C 318, 23.12.2006), punt 13 (mhux disponibbli bil-Malti).

4.1.2.3 tistabbilixxi djalogu mal-mexxejja u l-atturi soċjali tal-komunitajiet ta' referenza tal-gruppi terroristiċi, biex tippromovi azzjoni komuni ta' kritika u "delegittimizzazzjoni" tal-prattiki u d-diskors vjolenti;

4.1.2.4 taqşam mad-diversi atturi soċjali u ma' l-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji l-esperjenzi u l-prattiki li jwasslu għall-iżolament u l-kontroll ta' persuni u gruppi ta' persuni li huma vulnerabbli għall-esklużjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenti, dejjem b'kull rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll għall-istat tad-dritt;

4.1.2.5 tipprovi informazzjoni dwar id-diversi approċċi (fir-rigward tal-proċess ta' integrazzjoni, tal-fehmiet, attitudnijiet u funzjonament ta' l-iktar gruppi importanti f'dan il-kuntest) fil-programmi ta' taħriġ tal-forzi tal-pulizija, tas-sigurtà u ta' l-informazzjoni li huma inkarigati mill-ġlieda kontra din it-theddida;

4.1.2.6 tniedi proġetti pilota li jiffukaw fuq l-iktar żoni esposti għall-aljenazzjoni, ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ (hab-sijiet, postijiet ta' qima, skejjel, inħawi fil-periferija u stabbilimenti tat-telekomunikazzjoni, eċċ.) u li jkollhom l-għan li jevitaw l-esklużjoni, ir-radikalizzazzjoni u l-akkuża mhux iġġustifikata ta' persuni jew gruppi ta' persuni minħabba l-klassi soċjali, is-sess, l-orijini etnika jew ir-reliġjon tagħhom.

4.2 L-integrazzjoni mill-perspettiva tal-prevenzjoni: proposti konkreti

4.2.1 Is-soċjetà ċivili tista' taqdi r-rwol tagħha bis-sħiħ billi tindirizza l-kuntest li fih tinbet il-vjolenza terroristika. Mingħajr ma jiġġustifika xi tip ta' vjolenza minħabba l-kawżi tagħha, wieħed jista' jispjega għadd ta' atti terroristiċi bħala r-riżultat tal-proċess ta' aljenazzjoni, radikalizzazzjoni u reklutaġġ, aggravat mill-inugwaljanzi orizzontali bejn gruppi ta' nies li jgħixu fl-istess art, minn fenomeni bħall-esklużjoni u d-diskriminazzjoni (soċjali, politika u ekonomika) u mill-parzjalità li tiġi applikata fil-mod kif jiġu ġġudikati l-atti ta' wħud u dawk ta' oħrajn. B'konsegwenza ta' dan, l-integrazzjoni għandha tkun fil-qalba ta' kull strateġija li, għal raġunijiet ta' prevenzjoni, għandu jkollha l-għan li:

4.2.2 tiffavorixxi sistemi ta' edukazzjoni formali u informali li jkun bbażati fuq it-tneħħija ta' stereotipi negattivi, u li jippromovu t-tolleranza u l-koeżistenza fuq il-bażi ta' valuri komuni msejsa fuq id-drittijiet tal-bniedem (għal din ir-raġuni l-kotba ta' l-iskola għandhom jiġu riveduti sabiex l-istereotipi jinbidlu f'mudelli li jstimolaw it-tolleranza u f'għodda ta' pedagoġija multi-kulturali);

4.2.3 titlob l-impenn (inkluż kodiċi ta' kondotta) tal-mezzi tax-xandir biex ma jagħtux lok għal diskorsi u approċċi li jistgħu jippromovu l-esklużjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija. B'rispett għal-libertà ta' l-istampa u ta' l-espressjoni, wieħed jista' jippromovi pożizzjonijiet u approċċi li jxandru l-valuri komuni ta' l-istorja u jfahru l-vantaġġi tal-multikulturaliżmu bħala aspett pożittiv tad-dinja globalizzata;

4.2.4 ixxandar, permezz ta' kampanji pubbliċitarji, messaġġi u approċċi pożittivi li jiffavorixxu l-inklużjoni u li jgħinu biex jiġu ċċarati l-affarijiet u biex il-kunċetti qarrieqa jinbidlu ma' oħrajn (per eżempju, it-terroriżmu internazzjonali minflok it-terroriżmu islamiku, l-integrazzjoni minflok l-assimilazzjoni) jew biex stampi inadegwati li jippromovu l-firda u l-konfrontazzjoni jiġu sostitwiti b'oħrajn iktar adegwati (ċittadini minflok immigranti);

4.2.5 tikkontribwixxi sabiex in-nies jifhmu li huwa importanti li d-drittijiet tal-bniedem jiġu kkunsidrati bħala l-pedament ewlieni tal-koeżistenza f'soċjetà multikulturali. F'dan il-kuntest, is-soċjetà ċivili organizzata għandha tkun il-mutur tar-rieda li tinholq soċjetà li fiha kulħadd igawdi mill-istess drittijiet (soċjali, politiċi u ekonomiċi) u jkollu l-istess dmirijiet;

4.2.6 tippromovi l-ħolqien ta' pjattaformi soċjali li jinvolvu membri tad-diversi komunitajiet li jgħixu fl-istess pajjiż u li jkollhom l-oġettiv li jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' inklużjoni u soluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

4.2.7 tidentifika u ssaħħaħ ir-rwol tal-mexxejja u ta' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw komunitajiet oħra fl-UE bħala l-interlokutori ewlenin fir-relazzjonijiet ma' persuni minn kulturi differenti, bil-għan li jiġu stabbiliti djalogu u kollaborazzjoni sabiex jinqerdu l-kawżi potenzjali ta' l-aljenazzjoni u r-radikalizzazzjoni ta' wħud mill-membri ta' dawn il-komunitajiet;

4.2.8 tiżviluppa programmi speċifiċi li jkollhom l-għan li jimpedixxu r-radikalizzazzjoni ta' dawk li potenzjalment huma kapaċi jappoġġjaw l-ideat u l-prattiki terroristiċi fil-postijiet fejn isir ir-reklutaġġ (ħabsijiet, postijiet ta' qima, eċċ.). Dawn il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq l-integrazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' l-impjeggi;

4.2.9 tikkunsidra l-kooperazzjoni deċentralizzata minn din il-perspettiva, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Komunitarju (billi tuża mekkaniżmi diġà stabbiliti bħall-Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja, il-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-assoċjazzjoni bejn il-pajjiżi AKP. Dan jimplika li l-potenzjal enormi li jirrappreżentaw il-politiki ta' kooperazzjoni u ta' żvilupp ta' l-Istati Membri u l-UE jista' jintuża biex jitwaqqfu proġetti ta' kooperazzjoni fuq il-post ma' persuni li huma involuti fix-xena reliġjuża jew nazzjonalista iżda li jirrifjutaw b'mod radikali kull tip ta' vjo-lenza;

4.2.10 iżżid b'mod konsiderevoli, fl-UE u fil-kuntest tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, in-numru ta' programmi ta' skambju għall-għalliema, l-istudenti, il-ġurnalisti u l-membri ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u trade unions, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-membri ta' organizzazzjonijiet non-governattivi, eċċ., u l-baġit tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-ugwaljanza bejn is-sessi. L-għarfien personali u l-iskambju ta' esperjenzi u ta' fehmiet huma metodi li għandhom jingħataw preferenza sabiex jinqerdu l-istereotipi negattivi u sabiex jifassal ġejjieni komuni f'seklu li għandu jkun multikulturali (?). Għalhekk ikun xieraq li l-potenzjal tal-KESE jintuża u jissaħħaħ

(³) Opinjoni tal-KESE ta' l-20.4.2006 dwar il-"Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill relatata mas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008)", rapporteur: is-Sinjura Cser (ĠU C 185, 8.8.2006) (mhux disponibbli bil-Malti).

sabiex permezz tal-kuntatti u l-kooperazzjoni tiegħu ma' korpi extra-Komunitarji, jiġu eżaminati forom ġodda ta' azzjoni kontra r-radikalizzazzjoni ta' ċerti gruppi jew individwi;

4.2.11 tiffavorixxi l-ħolqien u l-konsolidazzjoni ta' pjattaformi ta' parteċipazzjoni tal-popolazzjoni (tal-post u barranija) li jippromovu l-inklużjoni orizzontali bbażata fuq ir-rappreżentazzjoni ċivika minflok fuq il-profil nazzjonalista jew reliġjuż;

4.2.12 tixpruna r-riċerka fiċ-ċentri u l-istituti speċjalizzati, kemm fl-UE kif ukoll fil-kuntest ta' kollaborazzjoni ma' ċentri li jinsabu f'pajjiżi li huma partikolarment importanti għal din il-kwistjoni. Huwa importanti ferm li jingħata appoġġ lil proġetti u studji mmirati lejn għarfien aħjar tal-proċessi li jwasslu għall-aljenazzjoni, ir-reklutaġġ u r-radikalizzazzjoni u tal-korrelazzjonijiet bejn id-diversi fatturi involuti.

4.3 L-għajnuna lill-vittmi

4.3.1 Fl-aħħar, huwa importanti li tingħata għajnuna lill-vittmi diretti ta' l-atti terroristiċi bħala parti sostanzjali minn viżjoni globali fejn is-soċjetà ċivili taqdi rwol fil-ġlieda kontra t-theddida terroristika. Sabiex il-vittmi ma jintesewx u ma jiġux marġinalizzati fl-ambitu soċjali, huwa essenzjali li:

4.3.2 jsir sforz kbir sabiex id-drittijiet kollha tal-vittmi jiġu rikonoxxuti (inkluż il-kumpens finanzjarju) bħala vittmi ta' atti terroristiċi, tkun xi tkun in-natura ta' l-attentat u indipendentement mill-fatt jekk l-attentat iseħħx fil-pajjiż tal-vittmi jew f'pajjiż ieħor;

4.3.3 jinħolqu mekkaniżmi soċjali ta' appoġġ (appoġġ fiżiku, psikoloġiku u finanzjarju) li jgħinu lill-vittmi joħorġu mit-trauma u li jevitaw li jiżviluppa diskors li jistigmatizza lil ċerti gruppi jew li jkun razzista jew ksenofobu;

4.3.4 titkattar ir-rieda politika tal-gvernijiet nazzjonali u ta' l-UE sabiex jiġi stabbilit kunsens għar-rikonoxximent tal-vittmi u l-appoġġ u l-ħarsien tagħhom.

4.4 Iċ-ċittadini bħala atturi prinċipali tas-sigurtà u tal-prevenzjoni: politiki li jagħtu kontribut

4.4.1 Fuq il-bażi tal-fatt li ċ-ċittadini huma l-mutur ewlieni ta' kull pajjiż, u b'hekk ta' l-UE, kwistjonijiet bħas-sigurtà, il-paċi u l-prevenzjoni ta' kunflitti vjolenti, jimplikaw li hemm bżonn li:

4.4.2 jitwaqqfu strateġiji u sforzi multidimensjonali sabiex jiġi ggarantit ċertu livell ta' benesseri u ta' sigurtà għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż u l-ġirien tagħhom; jekk wieħed jiżgura l-iżvilupp u s-sigurtà globali jkun qiegħed jiżgura l-iżvilupp u s-sigurtà individwali;

4.4.3 jitnaqqsu u eventwalment jinqerdu l-inugwaljanzi bejn il-gruppi u l-pajjiżi; dan huwa l-aħjar mezz biex titħares is-sigurtà ta' kulħadd. Il-bażi komuni tal-koeżistenza u t-tnaqqis tat-theddida tat-terroriżmu tinsab, għal darb'oħra, fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u fit-tisħiħ ta' ambjent demokratiku, b'rispett għad-diversi Prattiki reliġjużi f'qafas separat mill-affarijiet pubbliċi. Dan jimplika wkoll iċ-ċaħda ta' l-eżistenza ta' spazji soċjali barra mil-limiti tal-liġi (postijiet li jinsabu f'"limbu" legali u għettos ibbażati fuq Prattiki li huma inaċċettabbli f'dan il-kuntest);

4.4.4 jinftiehem il-fatt li l-ħarsien tas-sigurtà m'għandux ikun ta' ħsara għal-libertà billi jitnaqqsu d-drittijiet iġġarantiti minn kull soċjetà miftuħa u demokratika jew billi jintużaw metodi kontra t-terroriżmu li jixbhu lil dawk użati mit-terroristi stess;

4.4.5 jiġi rikonoxxut li objettiv bħall-għieda kontra t-terroriżmu (li jinvolvi bosta dixxiplini u bosta dimensjonijiet u li jista' jintlaħaq biss fuq perijodu twil) jista' jintlaħaq biss jekk jingħata baġit speċifiku u adegwat li jinkludi riżorsi nazzjonali kif ukoll Komunitarji.

4.5 *Sħubijiet pubbliċi-privati*

4.5.1 It-theddida tat-terroriżmu hija mifruxa, permanenti u globali. L-impatt tagħha jolqot lil kulħadd, mingħajr eċċezzjoni, u n-natura u l-espressjoni tagħha jinbidlu kontinwament. Dan, flimkien mal-fatt li għadha ma nstabitx strateġija adegwata kontra triha, ifisser li l-analiżi, l-istimi u l-metodi użati jridu jiġu riveduti l-ħin kollu. Din hija biċċa xogħol li tinvolvi l-partijiet kollha, kemm il-gvernijiet kif ukoll il-korpi Komunitarji u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi. Fil-qafas ta' din il-ħidma, wieħed

għandu jeżamina wkoll il-possibiltajiet tas-sħubijiet pubbliċi-privati (però dan m'għandux iwassal għall-privatizzazzjoni tas-sigurtà u tad-difiża, li tkun ħaġa kontro-produċenti) sabiex dawn jaqdu l-objettiv komuni: il-benesseri u s-sigurtà ta' kulħadd (*). Dawn l-isforzi għandhom ikunu bbażati fuq:

4.5.2 il-bżonn li wieħed iħejji glossarju tat-termini sabiex jintlaħaq kunsens, kemm fid-diskors kif ukoll fl-atti, dwar il-kunċetti li jiggwidaw il-ħidma li għandha ssir mill-partijiet kollha kkonċernati;

4.5.3 il-kontroll demokratiku ta' l-istrateġija tal-għieda kontra t-terroriżmu fil-livelli u l-forom kollha tagħha;

4.5.4 is-sensibilizzazzjoni fir-rigward ta' l-importanza tal-politiki esterni ta' l-Istati Membri (u l-PESK/PESD fil-livell Komunitarju) u l-politiki nazzjonali u Komunitarji ta' kooperazzjoni u żvilupp għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u tal-għieda kontra r-radikalizzazzjoni ta' terroristi potenzjali;

4.5.5 il-bżonn urġenti li jiġi allokat baġit adegwat u kostanti għall-programmi u l-azzjonijiet kollha msemmija f'din l-opinjoni;

4.5.6 il-bżonn li jinħolqu (jew jinżammu) djalogu u kooperazzjoni ma' l-atturi u korpi soċjali, politiċi u ekonomiċi kemm fi ħdan l-UE kif ukoll barra mill-fruntieri tagħha, fid-dawl tal-fatt li ħadd ma jista' jiggarantixxi s-suċċess tal-għieda kontra din it-theddida waħdu, u tal-vantaġġi li ġġib il-koordinazzjoni ta' l-isforzi biex jiġu elaborati viżjonijiet u strateġiji ta' azzjoni korenti u sostenibbli.

Brussell, it-22 ta' April 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

(*) Opinjoni esploratorja tal-KESE tat-13.9.2006 dwar "Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu", rapporteurs: is-Sinjuri Rodríguez García-Caro, Pariza Castaños u Cabra de Luna (ĠU C 318, 23.12.2006), punt 13 (mhux disponibbli bil-Malti).